MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 67/2002/1

**Rikors Nru: 67/02**

**Mario Borg, Joseph Borg, Maria Pirotta, John Pirotta, Inez Pirotta, Paul Pirotta, Doreen Astarita, Paul Borg, Stephanie Spiteri, Simone Bartolo, Mariella Cefai, Martin Borg, Mark Borg, Anthony Borg bhala tutur tal-minuri Erika Borg**

**vs**

**Arthur u Dolores konjugi Rizzo**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-esponenti jikru lill-intimati l-fond 38, Triq ix-Xatt, Sliema, versu l-kera ta' erba' mija sitta u hamsin lira (Lm456) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem fis-26 ta' Jannar u s-26 ta' Lulju, ta' kull sena.

Illi l-intimati naqsu milli jhallsu l-kera ghal aktar minn zewg skadenzi, u dana minkejja li gew interpellati formalment skond il-ligi sabiex iwettqu l-hlas.

Illi ghaldaqstant l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mill-artikolu 9(a) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u jitolbu lil dana l-Bord jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi l-esponenti bir-rispett jitolbu lil dana l-Bord jawtorizzahom jirriprend l-pussess tal-fond 38, Triq ix-Xatt, Sliema, u dana soggett ghal kwalunkwe kundizzjoni li jidhirlu opportun jimponi.

Sema' x-xhieda bil-gurament ta' Mario Borg.

Ra d-dokumenti u l-atti.

Ra li fis-seduta ta' llum deher biss ir-rikorrent Mario Borg assistit mill-avukat tieghu.

Ra' l-intimati debitament notifikati la pprezentaw risposta fir-Registru tal-Qrati u lanqas dehery ghas-seduta ta' llum.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond 38, Triq ix-Xatt, Sliema; ghall-ghan tat-tkeccija jaghti xahar m'illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

Dep

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------